# Qorti tal-Magistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Il-Pulizija

Vs

Gilbert Busuttil

Illum 01 ta' Lulju, 2025

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' Gilbert Busuttil, Bin Anthony u Josephene nee' Mizzi, imwieled Pieta' fit- 23 ta' Novembru 1985, residenti Block B, flat 10, Triq il-Ghajn, Valletta u detentur ta' Karta ta' Identita' numru 586785M;

**U nakkuzawh TALLI:** b' diversi atti magħmulin mill-istess Gilbert Busuttil, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioe:

1. Talli bejn il-lejl tas-17 ta' April 2017 u t-18 ta' April 2017 kkommetta serq minn ġewwa Rizzo service station ġewwa triq Dun Gejtanu Mannarinu, Birkirkara, ghad-detriment ta' William Rizzo u/jew persun/ I ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-hin liema ammont ma jeċċedix tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29);

2. Fl-istess data, ħin u lok volontarjament għamel ħsara, jew gharaq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, meta għamel ħsara għad-detriment ta' William Rizzo u/jew persuna/i oħra; liema ħsara mhix iżjed minn mitejn u hamsin euro (€250);

3. Talli bejn il-lejl tat-18 ta' April 2017 u d-19 ta' April 2017 kkommetta serq minn ġewwa Rizzo service station ġewwa triq Dun Gejtanu Mannarinu, Birkirkara, ghad-detriment ta' William Rizzo u/jew persuna/i ohra liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-hin liema ma jeċċedix tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29);

4. Fl-istess data, ħin u lok volontarjament għamel ħsara, jew gharaq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, meta għamel ħsara għad-detriment ta' William Rizzo u/jew persuna/i oħra; liema ħsara mhix iżjed minn elfejn u hames mitt euro (€2,500) pero iżjed minn mitejn u ħamsin euro (€250);

5. Talli bejn il-lejl tal-21 ta' April 2017 u t-22 ta' April 2017 kkommetta serq minn ġewwa MIA service station ġewwa l-Malta International Airport, Gudja għad-detriment ta' Sergio Camilleri u/jew persuna/i oħra, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-ħin; liema ammont ma jeċċedix mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94);

6. Fl-istess data, ħin u lok volontarjament għamel ħsara, jew gharaq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, meta għamel ħsara għad-detriment ta’ Sergio Camilleri u/jew persuna/i oħra, liema ħsara mhux iżjed minn elfejn u ħames mitt ewro (€2,500) pero iżjed minn mitejn u ħamsin euro (€250);

7. Talli bejn il-lejl tal-23 ta’ April 2017 u t-24 ta’ April 2017 kkommetta serq minn go MIA service station ġewwa l-Malta International Airport, Gudja għad-detriment ta’ Sergio Camilleri u/jew persuna/i oħra, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-ħin; liema ammont ma jeċċedix mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94);

8. Fl-istess data, ħin u lok volontarjament għamel ħsara, jew gharaq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, meta għamel ħsara għad-detriment ta’ Sergio Camilleri u/jew persuna/i oħra, liema ħsara mhix iżjed minn elfejn u ħames mitt ewro (€2,500) pero iżjed minn mitejn u ħamsin euro (€250);

9. Talli bejn il-lejl tal-23 ta’ April 2017 u t-24 ta’ April 2017 kkommetta serq minn ġewwa Sterling service station fi Triq Testaferrata Ta’ Xbiex għad-detriment ta’ Carmel Mifsud u/jew persuna/i oħra, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-ħin; liema ammont ma jeċċedix mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94);

10. Fl-istess data, ħin u lok volontarjament għamel ħsara, jew gharaq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, meta għamel ħsara għad-detriment ta’ Carmel Mifsud u/jew persuna/i oħra, liema ħsara mhix iżjed minn elfejn u ħames mitt ewro (€2,500) pero iżjed minn mitejn u ħamsin euro (€250);

11. Talli bejn il-lejl tal-29 ta’ April 2017 u t-30 ta’ April 2017 kkommetta serq minn ġewwa J.Camilleri service station ġewwa triq Belt Valletta, Zurrieq għad-detriment ta’ Edward Camilleri u/jew persuna/i oħra, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-ħin; liema ammont ma jeċċedix mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u desghin ċenteżmu (€232.94);

12. Fl-istess data, ħin u lok volontarjament għamel ħsara, jew gharaq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, meta għamel ħsara għad-detriment ta’ Edward Camilleri u/jew persuna/i oħra, liema ħsara mhix iżjed minn elfejn u ħames mitt ewro (€2,500) pero iżjed minn mitejn u ħamsin euro (€250);

13. Talli bejn il-lejl tad-29 ta’ April 2017 u t-30 ta’ April 2017 kkommetta serq minn ġewwa Lourdes service station ġewwa triq L-Labour, Żabbar għad-detriment ta’ Micheal Buhagiar u/jew persuna/i oħra, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-ħin; liema ammont ma jeċċedix mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94);

14. Fl-istess data, ħin u lok volontarjament għamel ħsara, jew gharaq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, meta għamel ħsara għad-detriment ta’ Edward Camilleri u/jew persuna/i oħra, liema ħsara mhux iżjed minn elfejn u ħames mitt ewro (€2,500) pero iżjed minn mitejn u ħamsin euro (€250);

15. Talli bejn il-lejl tal-30 ta’ April 2017 u l-01 ta’ Mejju 2017 kkommetta serq minn ġewwa Lourdes service Station ġewwa triq L-Labour, Żabbar għad-detriment ta’ Michael Buhagiar u/jew persuna/i oħra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-ħin; liema ammont jeċċedi mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) **iżda ma jeċċedix** is-somma ta’ elfejn tliet mija u dsgha u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37);

16. Fl-istess data, ħin u lok volontarjament għamel ħsara, jew gharaq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, meta għamel ħsara għad-detriment ta’ Michael Buhagiar u/jew persuna/i oħra, liema ħsara mhux iżjed minn elfejn u ħames mitt ewro (€2,500) pero iżjed minn mitejn u ħamsin euro (€250);
17. Talli bejn il-lejl tal-03 ta’ Mejju 2017 u l-04 ta’ Mejju 2017 kkommetta serq minn go Lourdes service station ġewwa triq L-Labour, Żabbar għad-detriment ta’ Michael Buhagiar u/jew persuna/i oħra, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-ħin, liema ammont ma jeċċedix mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94);
18. Fl-istess data, ħin u lok volontarjament għamel ħsara, jew gharaq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, meta għamel ħsara għad-detriment ta’ Michael Buhagiar u/jew persuna/i oħra, liema ħsara mhux iżjed minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500) pero iżjed minn mitejn u ħamsin euro (€250);
19. Talli bejn il-lejl tal-18 ta’ Mejju 2017 u d-19 ta’ Mejju 2017 kkommetta serq minn go Lourdes service station, Żabbar għad-detriment ta’ Michael Buhagiar u/jew persuna/i oħra, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-ħin, liema ammont ma jeċċedix mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94);
20. Fl-istess data, ħin u lok volontarjament għamel ħsara, jew gharaq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, meta għamel ħsara għad-detriment ta’ Michael Buhagiar u/jew persuna/i oħra, liema ħsara mhux iżjed minn elfejn u ħames mitt ewro (€2,500) pero iżjed minn mitejn u ħamsin euro (€250);
21. Talli bejn il-lejl tal-24 ta’ Mejju 2017 u l-25 ta’ Mejju 2017 kkommetta serq minn ġewwa J.Micallef service station ġewwa triq tal-Barrani, Żejtun għad-detriment ta’ Francois Pace u/jew persuna/i oħra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-ħin, liema ammont jeċċedi mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u desghin centezmu (€232.94) iżda ma jeċċedix is-somma ta’ elfejn tliet mija u disgha u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37);
22. Fl-istess data, ħin u lok volontarjament għamel ħsara, jew gharaq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, meta għamel ħsara għad-detriment ta’ Francois Pace u/jew persuna/i oħra, liema ħsara mhux iżjed minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500) pero iżjed minn mitejn u ħamsin euro (€250);

**Nakkuzawh ukoll talli bejn it-23 ta’ April 2017 u l-24 ta’ April 2017 minn ġewwa triq Fleur de Lys, Birkirkara:**

23. Ikkommetta serq ta’ vettura ta’ għamla Austin Mini Minor bin-numru ta’ reġistrazzjoni EAL 918 għad-detriment ta’ Christian Carabott, liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-mezz u bix-xorta tal-ħaġa misruqa; liema ammont ma jeċċedix l-elfejn u tliet mija u disgha u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37);

Il-qorti hija mitluba sabiex titratta l-imputata bħala recidiv u dan bis-sentenza li ngħatat nhar il-11 ta’ Novembru 2014 u dan ai termini ta’ l-artikoli 49, 50 u 289 tal-kapitolu 9 tal-liġijiet ta’ Malta.

Rat L-artikoli 49, 50, 267, 278(2)(3)(4), 280(2), 289 u 325 (b)(c) tal-Kap 9 u l-artiklu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat illi li gew moqrija dawn l-akkuzi lill-imputat fis-seduta ta’ nhar is-26/03/2019

Rat ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Rat li sar l-ezami tal-imputat

Rat l-atti kollha, x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta.

Semghet it-trattazjoni.

**Ikkunsidrat**

Il-Prosekuzzjoni ressqet ix-xhieda tas-Sur Jonathan Ransley, spettur tal-Pulizija, li xehed taħt ġurament rigward diversi rapporti ta' serq imwettqa f'diversi lokalitajiet, l-aktar f'Birkirkara, iż-Żurrieq u ż-Żabbar, matul ix-xhur ta' April sa Lulju tal-2017.

Ix-xhieda tiffoka b'mod partikolari fuq l-investigazzjoni dwar bosta każijiet ta' serq minn magna tat-tyres u magni oħra relatati mal-ħasil tal-karozzi fi stazzjonijiet differenti ta' servizz. Diversi drabi ġew prodotti filmati mill-kameras tas-CCTV fejn dehru vetturi suspettużi inkluż Renault Megan bla number plates u Mini Minor safra b'number plate EAL 918, li kienet iddikjarata bħala misruqa.

Il-persuna magħrufa bħala Gilbert Busuttil ġiet identifikata bħala l-akkużat, fejn f'diskussjoni ma' l-ispetturi investigattivi ammetta li kien involut f'għadd ta' każijiet ta' serq u li kien għamel użu minn vetturi involuti. Madankollu, f'interrogazzjonijiet oħra huwa għażel li ma jwieġibx għall-mistoqsijiet bil-miktub u rrifjuta wkoll li jingħata parir legali, għalkemm ġie informat bid-dritt tiegħu għall-avukat.

Ix-xhieda dokumentata tinkludi wkoll osservazzjonijiet dwar il-ġabra ta' prints tal-idejn li ġew traċċati fuq il-vetturi suspettati, inkluż fuq il-mini minor, fejn instab palm print u prints oħra tal-akkużat fuq in-naħa tas-sewwieq.

Il-proċess juri wkoll li l-akkużat ammetta b'mod volontarju li kien impenjat f'serq minn diversi stazzjonijiet ta' servizz, fosthom dawk f'MIA, Lourdes Service Station u J. Camilleri Service Station. F'parti mill-istqarrijiet tiegħu, l-akkużat stqarr ukoll li xtaq jerġa' jibda ħajja normali u jinqata' mid-droga.

Il-kumpilazzjoni turi serje ta' rapporti, osservazzjonijiet, evidenza forensika u ammissjonijiet li tgħaqqad l-akkużat ma' diversi każijiet ta' serq bl-użu ta' vetturi distinti u li spiss kienu jidher mingħajr numru ta' reġistrazzjoni jew b'karatteristiċi maskra.

Fit-10 ta' Novembru 2020, semgħet ix-xhieda ta' Sergio Camilleri fil-kawża kriminali kontra Gilbert Busuttil. Ix-xhud, li ilu jaħdem bħala service provider fil-petrol station tal-ajruport għal madwar 15-il sena, xehed dwar każ li seħħ fit-22 ta' April 2017, meta flimkien ma' ħaddieħor sabu l-car wash sgassata. Kienu qed jirreferu għal Top Cars Services Ltd u semmew li kien hemm kamera tas-CCTV li qabad lil persuna tinżel minn Renault Megane Mini Minor li kienet sgassata.

Camilleri xehed li sabu ħsarat diversi fl-istess struttura tal-car wash u semmew ammonti differenti ta' ħsarat (li jvarjaw minn €10 sa €2,000). Kien ukoll identifikat numru ta' plate EAL 918, u persuna liebes hoodie u lbies sportiv. Ix-xhud indika wkoll li l-filmat tas-CCTV juri persuna li niżlet mill-vettura u li jafha mill-wiċċ, minkejja li ma setax jgħid bi ċertezza assoluta li kienet il-persuna preżenti l-Qorti, għalkemm qal li 99% kien hu. Matul il-kontro-eżami, Camilleri rrefera għall-filmati, għar-rutina ta' kif jiġu magħżula s-servizzi, għall-ħsarat, għall-persuna li daħlet fil-car wash, u għal diversi dettalji relatati. Spjegat li l-istess persuna dehret fl-istess post darbtejn, iżda f'punt minnhom qal li ma setax jikkonferma jekk iż-żewġ dehriet humiex ta' persuna waħda jew le.

Jesmond Xuereb, residenti f'Paola, xehed taħt ġurament quddiem l-imputat Gilbert Busuttil. Ix-xhud iddikjara li huwa mill-komunità ta' Santa Marija u għamel referenza għall-fatt li l-imputat ilu jattendi

għal programm ta' rijabilitazzjoni kontra d-droga għal erba' ġimgħat. Spjega li l-programm in kwistjoni huwa wieħed intensiv li jdum 14-il xahar u jsir ġewwa ambjent magħluq (in-house), li għalih Gilbert Busuttil bħalissa qed jattendi b'mod regolari. Huwa nnota wkoll li l-programm huwa maqsum f'tliet fażijiet, fejn l-imputat bħalissa jinsab fl-ewwel fażi u qed jimxi 'l quddiem b'mod tajjeb. Ix-xhud ikkonferma li għadda xahar minn dan il-programm, għalkemm bħalissa għadhom fil-bidu nett.

**Ikkunsidrat**

l-akkuzat ammetta l-htija ghal-imputazzjonijiet migjuba konrih fis-seduta ta' nhar l-01/07/2025.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, u wara li rat l-Artikoli 49, 50, 267, 278(2)(3)(4), 280(2), 289 u 325(b)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-istess Liġijiet, ssib lill-imputat Gilbert Busuttil ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

Tpoġġi lis-sur Gilbert Busuttil taħt Ordni ta' Probation għal perjodu ta' tliet (3) snin skont it-termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446, sakemm u sa fejn ikompli jsegwi b'suċċess il-programm ta' riabilitazzjoni kontra d-droga li diġà beda permezz tas-servizzi ta' Sedqa.

Fakkret u spjegat b'mod ċar lill-imputat l-effett ta' din l-Ordni ta' Probation, u wissietu li jekk jonqos milli josserva l-kundizzjonijiet imposti jew jikkommetti xi reat ieħor matul dan il-perjodu, jista' jiġi kkundannat mill-ġdid għar-reat li għalih saret din l-Ordni.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**